# Manwal tal-Proċeduri Amministrattivi tal-MCAST

# Kapitlu 15: Ilmenti tal-Istudenti u l-Impjegati

| | Name | Approved | Signature |
|---|---|---|---|
| **Process Owner** | Ms Sandra Cortis | 28.10.2021 | (*) |
| **Director QA** | Ing Pierre Dalmas | 28.10.2021 | (*) |
| **Principal & CEO** | Prof James Calleja | 28.10.2021 | (*) |
| (*) Signed approval sheets are archived at the QA Office | | | |

**Document change history**

| B | DCN # | Date released | Change originator |
|---|---|---|---|
| | 155/2021 | 28.10.2021 | Ms Sandra Cortis |
| | **Change history** | | |
| | Change 155/2021 of 28.10.2021 Release of Maltese version as a separate document with same number - no revision change<br><br>Previous Change (84/2021)<br><br>• Extracted document from MOP Chapter 1 and transferred to a new stand-alone chapter (Chapter 15 )<br>• All instances referring to the *Deputy Principal Responsible for the Grievance Office* have been changed to refer to *Senior Grievance Officer* | | |

**<u>Instructions for document users with access to College Website</u>**

*All MCAST employees can access current, controlled and approved documents via the College intranet site [https://intranet.mcast.edu.mt](https://intranet.mcast.edu.mt)*

*Document users are encouraged NOT to retain printed a hard copy of this document. If however a hard copy of this document is required the user is to confirm the current revision.*

**<u>Continuous Improvement</u>**

*Procedures are meant to be 'living' documents that need to be implemented and maintained. If the procedure does not reflect the current, correct work practice, it needs to be updated!*
*Contact your Deputy Principal or QA Office on Ext 7121 today!*

**In the case of a conflict in the interpretation between the Manual of Procedures and the Collective Agreement(s), the Collective Agreement(s) shall prevail.**

## 1.1. Politika tal-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST

1.1.1. Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jaħdem bis-sħiħ sabiex jassigura li l-membri kollha tal-komunità, inklużi studenti u impjegati full-time u part-time, jaħdmu f'ambjent san fejn jistgħu jgħixu flimkien immexxija minn valuri sodi ta' inklużjoni u rispett fid-dawl tad-diversità soċjali u kulturali.

1.1.2. F'kull komunità, hemm lok għal nuqqas ta' qbil, meta individwi jew gruppi jħossu l-bżonn li jwasslu l-vuċi tagħhom fuq opinjoni differenti, deċiżjonijiet ta' tilwim jew meta ma jaqsmux l-istess ideat tal-komunità minħabba nuqqas ta' kunfidenza fihom infushom sabiex jiksbu d-drittijiet tagħhom. Il-kunflitti jistgħu jwasslu għal ħafna problemi oħra, inklużi aktar obbligazzjonijiet, pubbliċità negattiva, u l-possibilità ta' kawżi legali. Attitudni pożittiva tgħin biex jiġu trattati t-tħassib u l-ilmenti u biex titkattar kultura sana fuq il-Kampus tal-MCAST, fejn l-istudenti u l-impjegati jgawdu spirtu aħjar ta' komunità, aktar armonjuża u awtentika.

1.1.3. L-għan tat-twaqqif tal-'Uffiċċju tal-Ilment' tal-MCAST huwa li jindirizza kwistjonijiet bħal dawn. Dan l-uffiċċju għandu r-rwol li jassisti lill-istudenti u l-impjegati tal-MCAST sabiex jaqsmu u jiksbu parir dwar it-tħassib u l-ilmenti tagħhom. Fuq kollox, l-Uffiċċju tal-Ilment jagħraf li jippromwovi u jiffaċilita kultura ta' djalogu sinċier fil-kisba ta' soluzzjoni fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil. Kull meta jkun meħtieġ, is-Senior Grievance Officer responsabbli għall-Uffiċċju tal-Ilment, jiggwida lil min iressaq l-ilment u lill-parti l-oħra biex jaslu għal riżoluzzjoni informali għas-sodisfazzjon ta' dawk kollha konċernati. F'każijiet ta' natura aktar serja, min iressaq l-ilment huwa, intitolat li jagħżel proċedura formali tal-ilment, fejn is-Senior Grievance Officer responsabbli għall-Uffiċċju tal-ilment, jinvestiga l-ilment sakemm tintlaħaq soluzzjoni ġusta.

1.1.4. Kull ilment ippreżentat lill-'Uffiċċju tal-Ilment' skont il-proċedura formali, għandu jsir bil-miktub. Proċedura waħda biss tal-ilment tista' tiġi użata għall-istess ilment. L-Uffiċċju tal-Ilment huwa totalment impenjat għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe ilment b'mod imparzjali, filwaqt li tingħata prijorità lill-komunikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Ilment. Dan għandu jseħħ f'perjodu realistiku ta' żmien matul il-proċess.

1.1.5. L-għan ta' din il-politika huwa li tiżgura li l-problemi fost il-komunità tal-MCAST jiġu ttrattati f' waqthom, b'mod ġust u b'mod konsistenti. Teżisti proċedura biex tiffaċilita t-trasparenza tal-proċess kollu. Id-dispożizzjoni tal-proċeduri ttejjeb it-trasparenza tal-proċess kollu. L-Uffiċċju tal-Ilment jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-membri vulnerabbli tal-MCAST li jistgħu jeħtieġu aktar gwida fiċ-ċirkustanzi individwali tagħhom.

1.1.6. Huwa l-Prinċipal li jieħu d-deċiżjoni finali fi kwistjonijiet dixxiplinari jew dwar terminazzjoni tal-impjieg.

## 1.2. L-Ilmenti fi ħdan MCAST

1.2.1. L-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-istudenti u l-impjegati tal-MCAST li huma rreġistrati bħala full-time jew part-time. L-għan ġenerali huwa li jippromwovi u jissalvagwardja l-benesseri tagħhom b'mod attiv billi jittrattaw l-ilmenti tagħhom u joffru pariri ġusti u adegwati biex jgħinu sabiex jintlaħaq ftehim sodisfaċenti għall-benefiċċju ta' dawk kollha konċernati.

1.2.2. L-impjegati u l-istudenti tal-MCAST jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST bit-telefon (23987130) jew ittra elettronika (sandra.cortis@mcast.edu.mt) jew billi jżuru l-Uffiċċju

tal-Ilment fil-bini Reno C Borg, Ammnistrazzjoni, fil-Pjan Terran. Il-laqgħat kollha jeħtieġu li, min ikun qiegħed iwassal l-ilment jagħmel appuntament mas-Senior Grievance Officer responsabbli għall-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST.

1.2.3. Il-politika u l-proċedura tal-Ilment tal-MCAST għandhom ħames prinċipji bażiċi:

(a) ir-rispett sħiħ għad-dinjità umana ta' dawk kollha kkonċernati,
(b) it-trattament tal-Ilment taħt l-iktar kunfidenzjalità stretta,
(c) il-prijorità mogħtija lill-ftehim milħuq permezz ta' proċeduri informali,
(d) it-trasparenza tal-komunikazzjoni u,
(e) id-dritt lil min qiegħed iwassal l-ilment, ikun akkumpanjat minn persuna oħra tal-għażla tiegħu/tagħha waqt is-sessjonijiet tas-smigħ tal-ilment.

1.2.4. Irrispettivament mill-età tagħhom, dawk li jwasslu l-ilment, jistgħu jagħżlu li jkollhom persuna oħra tal-għażla tagħhom takkumpanjahom waqt il-proċedura tal-Uffiċċju tal-Ilment.

1.2.5. L-ilmenti ġeneralment huma trattati fl-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST jew fuq il-main kampus jew fis-satellite institutes tal-MCAST.

1.2.6. Ilment huwa kkunsidrat bħala espressjoni uffiċjali tal-Ilment li jista' jiġi solvut (a)permezz ta' diskussjoni bejn il-partijiet konċernati, (b) bejn il-partijiet bl-għajnuna tal-assistenza tas-Senior Grievance Officer, jew, (c) permezz tal-Proċedura formali tal-Ilment.

1.2.7. L-Uffiċċju tal-Ilment jittratta l-ilmenti kollha f'waqthom, b'mod ġust u b'kunfidenzjalità l-aktar stretta.

1.2.8. Il-proċedura formali tal-ilment hija ġeneralment mqassma fuq dawn il-passi konsekuttivi:
(a) l-impenn inizjali biex jingħalaq ilment permezz ta' riżoluzzjoni informali;
(b) l-għażla li wieħed imur għal proċedura formali tal-ilment meta ma tintlaħaqx soluzzjoni permezz ta' proċedura informali;
(c) is-sessjonijiet ta' smigħ tal-ilment formali mmexxija fi spirtu ta' djalogu u rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet involuti;
(d) l-opinjoni finali tas-Senior Grievance Officer, li mbagħad tiġi ppreżentata lill-Prinċpal tal-MCAST & CEO għall-approvazzjoni tiegħu jew mod ieħor u
(e) min iwassal l-ilment huwa intitolat li jagħmel appell.

1.2.9. Meta jkun evidenti li l-impjegat u / jew student tal-MCAST irid jirrikorri għall-proċeduri tal-ilment formali, min qiegħed iwassal l-ilment irid jimla formola Formali għal Proċedura tal-Ilment Student/Impjegat tal-MCAST bid-dettalji rilevanti kollha. In-nuqqas tad-dettalji u l-firma fuq din il-formola jistgħu jdewmu bla bżonn il-proċess ta' kif ikun indirizzat l-ilment.

1.2.10. Is-Senior Grievance Officer tirreferi minnufih kull ilment li huwa relatat direttament magħha, lill- Prinċipal u CEO tal-MCAST.

1.2.11. Il-President tal-MCAST jew ir-rappreżentant tiegħu huwa ċ-Chairperson tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ilmenti. Il-President tal-MCAST, bħala Chairperson tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ilment tal-MCAST, jista' jagħżel membru mid-Deputati Prinċipali tal-MCAST jew mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST fejn bl-ebda mod l-individwu ma jkun involut fl-ilment.

1.2.12. L-investigazzjoni tal-ilmenti kollha u l-Opinjoni Finali tas-Senior Grievance Officer tikkunsidra r-regolamenti, il-proċeduri u l-politika tal-MCAST, leġiżlazzjoni lokali jekk u meta applikabbli, bħall-GDPR u l-Att dwar l-Edukazzjoni.

1.2.13. Meta l-Uffiċċju għall-Ilment jirċievi ilment, is-Senior Grievance Officer tirrikonoxxi li tkun irċieviet l-ilment. Dan ir-rikonoxximent jinkludi wkoll in-Numru Uniku ta' Referenza (URN) allokat għall-ilment, li jikkonsisti fis-sena kalendarja f'ċifri, sing u n-numru tal-ilment f'sekwenza ta' sottomissjoni.

1.2.14. Id-dejta bażika kollha ta' min idaħħal l-ilment tkun irreġistrata fir-Reġistru tal-URNs.

1.2.15. Kull ilment li jinvolvi direttament lis-Senior Grievance Officer għandu jiġi riferut lill- Prinċipal u CEO tal-MCAST. Min iressaq l-ilment għandu jkun infurmat dwar din il-bidla.

1.2.16. Qabel kull forma ta' investigazzjoni rigward kwalunkwe ilment ippreżentat lill-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST, is-Senior Grievance Officer tibgħat bl-email kopja tal-Politika u l-Proċedura tal-Uffiċċju tal-Ilment lil min ikun qiegħed iwassal l-ilment. Is-Senior Grievance Officer tistieden lil min iressaq l-ilment lill-ilmentatur għal-laqgħa ta' kjarifika biex jiġi żgurat li jkun hemm ftehim ċar u miftiehem b'mod komuni tal-allegat ilment.

1.2.17. Is-Senior Grievance Officer għandha d-diskrezzjoni li tagħti parir lill-ilmentatur biex iwaqqaf l-ilment f'każ li l-allegat ilment ma jkollux provi ta' sostenn jew meta jkun stabbilit b'mod ċar li l-ilment allegat m'għandux bażi biex jiġġustifika l-investigazzjoni tiegħu, jew f'każijiet meta l-ilment huwa null u 'frivolu' lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

1.2.18. Meta, fil-laqgħa inizjali bejn is-Senior Grievance Officer u l-ilmentatur jirriżulta, li dak li qiegħed jiġi rrappurtat huwa kwistjoni li teħtieġ parir jew appoġġ professjonali estern, is-Senior Grievance Officer tindika u tissuġġerixxi t-triq 'il quddiem għall-benesseri ta' min iressaq l-ilment.

1.2.19. Is-Senior Grievance Officer tinforma lill-parti /partijiet li kontrihom ikun indirizzat l-ilment.

1.2.20. Meta jirriżulta li l-ilment diġà jkun qiegħed jiġi investigat minn xi ħadd fl-MCAST stess jew minn korp kompetenti ieħor barra mill-MCAST, bħal qrati, is-Senior Grievance Officer tissospendi l-investigazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ilment u tinforma lil min iressaq l-ilment dwar deċiżjoni bħal din.

1.2.21. Meta jkun stabbilit li min iressaq l-ilment jixtieq jagħżel il-proċedura formali tal-ilment, is-Senior Grievance Officer tibgħat il-Formola tal-Proċedura tal-Ilment lill-ilmentatur, fejn l-individwu huwa mistenni jirritornaha fl-Uffiċċju tal-Ilment tal-MCAST mimlija, kif indikat u kif suppost.

1.2.22. Is-Senior Grievance Officer tal-MCAST iżżomm rekord tad-dokumenti, laqgħat u korrispondenza kollha relatata ma' kull ilment. Kopja tad-dokumentazzjoni kollha hija replikata u miżmuma *f'external hard disk.*

1.2.23. Is-Senior Grievance Officer tfassal ir-Rapport tal-Opinjoni Finali. Ladarba dan jiġi konkluż, jintbagħat lill-Prinċipal u CEO tal-MCAST għall-approvazzjoni finali tiegħu, emendi suġġeriti jew rifjut sħiħ.

1.2.24. Wara t-tlestija tar-Rapport tal-Opinjoni Finali, is-Senior Grievance Officer tiltaqa' mal-Prinċipal u CEO tal-MCAST sabiex tiċċara kwalunkwe kwistjoni rigward l-ilment qabel titieħed deċiżjoni mill-Prinċipal u CEO tal-MCAST. Il-Prinċipal u CEO tal-MCAST jiffirma l-approvazzjoni tiegħu fit-taqsima B tar-Rapport tal-Opinjoni Finali tal-Uffiċċju tal-Ilment.

1.2.25. Is-Senior Grievance Officer tinforma bil-miktub lil min iressaq l-ilment dwar ir-riżultat tiegħu / tagħha.

1.2.26. Min iressaq l-ilment, jekk ikun jixtieq, jista' jappella kontra l-Opinjoni Finali tal-Uffiċċju tal-Ilment billi jinforma immedjatament lill-Prinċipal u CEO tal-MCAST dwar l-intenzjoni tiegħu/tagħha li jikkontesta/tikkontesta l-Opinjoni Finali.

1.2.27. Fi kwalunkwe appell, is-Senior Grievance Officer b'mod awtomatiku tibgħat is-sejbiet u l-konklużjonijiet kollha tagħha liċ-Chairperson tal-Bord tal-Appelli għall-Ilment.